MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 663/2004

**Charles Spiteri**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Charles Spiteri li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Peress illi fil-25 ta’ Novembru 2000 ghall-habta ta’ 10:00am gewwa St. Anthony Street, fl-inhawi bejn Marsascala u Haz-Zabbar, l-attur li huwa impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta, safa’ involut f’incidenti li sehh waqt il-kors tax-xoghol tieghu;

Peress illi dan l-incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tas-sigurtà da parti tal-Korporazzjoni konvenuta illi pprovdiet altrezzar mhux idoneu u/jew diffettuz ghall-ezercizzju tax-xoghol mill-attur;

Peress illi l-Korporazzjoni konvenuta, minkejja li giet debitament interpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni, inkluzi danni naxxenti minn dizabilità fizika permanenti, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti tiddikjara lil Korporazzjoni Enemalta:

1. Unikament responsabbli ghall-incidenti li sehh fil-25 ta’ Novembru 2000 ghall-habta tal-10:00am gewwa St. Anthony Street fl-inhawi bejn Marsascala u Haz-Zabbar li fih safa’ ferut l-attur kif fuq premess, u ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-istess attur;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur okkorendo bl-opera ta’ periti nominali;

3. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-Attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' Novembru 2002, u interess legali kontra l-Korporazzjoni konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta li in forza taghha gie eccepit illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex responsabbli ghall-incident riferit li sehh unikament minhabba t-traskuragni non kuranza u nuqqas ta' attenzjoni u prudenza tal-attur fl-adempiment ta' xogholu;

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ma soffriex dizabilità permanenti kif allegat;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza Charles Spiteri qed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-incident li gara lilu waqt li kien fuq xoghol mal-Korporazzjoni Enemalta gara tort tal-istess Korporazzjoni. Huwa qed jitlob likwidazzjoni u hlas ta’ danni. Il-Korporazzjoni tichad it-tort u ssostni li dak li gara kien fil-fatt tort tal-istess haddiem.

Jirrizulta illi fil-25 ta’ Novembru 2000, Charles Spiteri kien impjegat bhala assistant tradesman ma’ Enemalta. Bhala tali, xogholu kien jinkludi li jkun parti minn “gang” ta’ haddiema. Ma kienx jahdem direttament fuq il-kurrent. Kien isuq lit-team ghal fuq il-post, inizzel is-sellum u jzomm l-istess sellum meta l-linesman ikun qed jahdem fuqu fost affarijiet ohra. Fil-gurnata tal-incident, il-“gang” gie msejjah f’post bejn Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn. Kellu jsir xoghol fuq arblu tat-tip “H” li kien qieghed f’ghalqa li kienet mifruda minn mat-triq b’hajt tas-sejjieh. Minhabba f’hekk is-sellum tpogga f’posizzjoni inklinata wisq u f’mument minnhom izzerzaq u spicca waqa’ fuq rigel Charles Spiteri li kien qieghed izommu minn isfel. Ix-xhieda kollha prodotti jikkonfermaw dak li gara. Charles Spiteri sofra qtugh fil-ligamenti tar-rigel. Dahal lura ghax-xoghol fit-28 ta’ Mejju 2001. Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ccertifikah li sofra dizabilità ta’ 6%. L-ispecjalista kuranti tieghu, Mr. C. Sciberras ukoll iccertifika din il-percentwali ta’ dizabilità. Mill-banda l-ohra, Mr. Frederick Zammit Maempel

iccertifika li ma baqghet tezisti ebda dizabilità.  L-istess ghamel l-ewwel specjalista mahtur mill-Qorti, Mr. Charles Grixti.  Periti addizzjonali, Mr. Ray Gatt, Mr. Ivan Esposito u Mr. Massimo Abela imbaghad waslu ghall-konkluzjoni li Charles Spiteri sofra dizabilità ta' 6%.

<u>Responsabbilità</u>

L-obbligi ta' min ihaddem biex ihares lill-impjegati tieghu minn kull infortunju huma ben noti. Gurisprudenza estensiva u kostanti ta' din il-Qorti jissenjalaw u jenfasizzaw fost affarijiet ohra, l-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi post tax-xoghol sigur, attrezzi u ghodda adegwati, sistema ta' xoghol sigura, tahrig adegwat u supervizjoni adegwata. Il-Qorti tissenjala f'dan il-kuntest bhala partikolarment rilevanti s-sentenzi moghtija mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Scicluna vs T.N. Waterproofing" (deciza fl-20 ta' April 2007), "Cini vs Wells" (deciza fid-29 ta' Mejju 2001), "Grech vs Bugeja" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2009) u "Mallia vs Mizzi" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2003).

Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti fid-dawl ta' dan l-insenjament.  Id-dinamika tal-incident ma jirrizultax li hija kontestata.  Jirrizulta ampjament li l-incident sehh ghaliex intuza sellum normali meta kellu jintuza *tower ladder*. Jirrizulta illi Anthony Xuereb, Kap ta' Occupational Health & Safety iddikjara hekk fir-rapport tieghu:

> *"The task in question was the replacement of fuses located on an H-pole.  This was an emergency task and to reach the fuses one had to use a Hydraulic Platform and not a*

*ladder. As reported above, access to the pole was restricted by the boundary wall and employees tried to work at risk which consequently caused the injury. Areas, which cannot be reached by ladders are to be identified so that in emergencies the right equipment will be available for use.*

*From the above findings the only way in which the accident could have been avoided was not to carry the task unless an entry to the private property was granted or a Hydraulic platform was available."*

Jesmond Agius, Health & Safety Enforcement Officer xehed illi:

*"It-tower ladder ikun fil-power station tal-Marsa jekk il-linesman jidhirlu li ghandu bzonn it-tower ladder jghid lis-security li jkollu c-cavetta u dan imbaghad jipprovdilu t-tower ladder."*

Ikompli:

*"It-tower ladder mhux standard equipment u kif ghidt, jekk l-linesman jidhirlu li irid juza dak il-ladder ikun irid isaqsi lis-security officer. It-tower ladder ma jintuzax biss ghall-bdil tal-lampi setgha jintuza f'dan il-kaz peress illi l-H-pole huwa xi ftit piedi 'l gewwa mill-ghalqa. Il-linesman li huwa persuna kompetenti jekk dana jhoss lilli l-pole ma jiflahx is-sellum allura ghandu awtorità jitlob l-uzu tat-tower ladder."*

Jghid ukoll:

> *"Ix-xoghol kellu jaghmlu bniedem kompetenti li huwa l-linesman u fil-kors li jsir biex hu seta' jilhaq linesman, dawn l-affarijiet jigu mghallmin lilu u allura hu suppost kellu jkun jaf li dak ix-xoghol kien indikat li juza t-tower ladder. Ahna bhala section ma nformajniex lill-persuni dwar l-uzu tat-tower ladder u meta jkun desiderabbli li jintuza."*

Emanuel Magro, ukoll Health & Safety Officer, ikkonferma l-procedura, u cioe' li huwa l-linesman li jiddeciedi jekk hemmx bzonn ta' tower ladder jew le.

Il-Korporazzjoni konvenuta teccipixxi illi dak li gara kien tort tal-istess impjegat, ghaliex ma messux hadem kif fil-fatt hadem. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din is-sottomissjoni ghaliex il-mod kif kellu jsir ix-xoghol (bis-sellum mhux tower ladder) ma kientix decizjoni tal-attur izda tal-linesman li kien inkarigat mit-team, u, kif inghad aktar 'il fuq, kien il-linesman li ha d-decizjoni ghal dawk ta' tahtu, kif kien delegat li jaghmel mill-Korporazzjoni. L-impjegat li wegga' obda lill-imghallem tieghu kif kien tenut li ghamel, u korra. Il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta' htija fl-agir tieghu.

Din il-Qorti tqis, ghalhekk li f'dak il-mument l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tizvolgi r-rwol taghha ta' employer bl-obbligi kollha li jgib mieghu, tramite l-persuna nkarigata, li dakinhar kien il-linesman. Kien hu li kien inkarigat mit-team u ghalhekk in-nuqqas ovvju tieghu li jipprovdi ghall-attrezzi mehtiega biex ix-xoghol ikun jista' jsir minghajr periklu huwa

essenzjalment nuqqas tal-Korporazzjoni Enemalta li nkarigatu. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-htija ghall-akkadut taqa’ fuq il-Korporazzjoni Enemalta.

Dizabilità

Il-Qorti tinnota d-divergenzi kbar bejn ir-rizultati tar-rapporti tad-diversi specjalisti li ezaminaw lill-attur. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ser tistrieh fuq ir-rapport tal-periti addizzjonali, li waslu ghall-konkluzjoni li l-grad ta’ dizabilità li sofra l-attur huwa ta’ 6%.

Danni

L-Art. 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*“(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, t-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta’ jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.”*

Damnum emergens

Charles Spiteri pprova illi bhala spejjez inkorsi f'vizti ta' tobba u medicinali, huwa nefaq is-somma ta' €358.75.

Lucrum Cessans

Fid-data tal-incident, l-attur kellu 49 sena.

Dawn il-Qrati spiss irritenew illi d-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-gudikant timplika illi l-ghoti ta' kumpens m'ghandux ikun ridott ghal ezercizzju matematiku izda ghandu jkun att ta' gustizzja kompensattiva.

Din il-Qorti, madankollu, ser issegwi l-insenjament ricenti tal-Qorti tal-Appell fil-kawza ricentissima Barbara vs Meilaq et (30 ta' Mejju 2014) li kkonfermat bhala multiplier in-numru ta' snin li bniedem tal-età tad-danneggjat ikun ghad jista' jahdem. F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti qed taddotta multiplier ta' 12.

Ghal dak li jirrigwardja qliegh, il-Qorti ser issegwi wkoll 'il fuq citata Barbara vs Meilaq fl-ewwel istanza fejn il-Qorti kkalkulat li l-qliegh ghandu jkun bazat fuq il-qliegh nett, f'dan il-kaz Lm5798.70 ekwivalenti ghal €13,511.

Ghalhekk:

€13511 x 12 x 6% = €9727 + €358.75 = Total ta' **<u>€10,086.67</u>**.

M'huwa ser isir ebda tnaqqis ghal 'lump sum payment' stante li l-incident sehh fis-sena 2000.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-incident li sehh fil-25 ta' Novembru 2000 sehh unikament tort tal-Korporazzjoni Enemalta; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghaxart elef u sitta w tmenin Ewro u seba u sittin centezmu (€10,086.67); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta thallas lil Charles Spiteri s-somma ta' ghaxart elef u sitta w tmenin Ewro u seba u sittin centezmu (€10,086.67), bl-ispejjez u imghaxijiet legali kif mitlub fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Korporazzjoni Enemalta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------